hom fejn riedu huma. Dawn bdew jimxu u qabdu t-trieq tal-iġbla. Meta waslu taħt l-għolja ta' Trapni, fejn fit-triq kien hemm Kappella tal-Lunzjata, il-barrin waqfu quddiem il-bieb ta' din il-Knisja u nxteħtu għarkubtejhom fl-art. Il-barrin baqgħu f'din il-qagħda, u, għalkemm għamlulhom ħafna biex iqumu minn hemm, baqgħu fejn kienu, bla ma ċċaqalqu xejn. Meta n-nies raw hekk, niżżlu l-Madonna minn fuq il-karru, daħlu biha fil-Knisja li semmejna u qegħduha fuk l-altar.

Wara li tneħħiet il-Madonna minn fuq il-karru, il-barrin qamu weħidhom minn għarkubtejhom.

Fil-Knisja li ġiet imqegħda l-Madonna sar *Te Deum* mill-Kassisin u n-nies ta' Trapni, biex jiżżuħajr l'Alla talli l-Għażiża Ommu ħatret li tibqa' fosthom fil-Belt tagħhom.

ĠUŻÈ GATT.

## IŻ-ŻRIGĦ BIKRI GĦALIH IKRI U L-ĦALLA TAL-IMWAĦĦAR MAĦRUQA.

Bin Patist ta' Mrajzu mix-Xewkija ta' Għawdex, agħma, raġel li kien qaleb id-disgħin, kien żara' l-maħlut fi Frar, jiġifieri fl-imwaħħar u tah għalla bi rfus, għamel sħiħ.

Meta ħasdu u għamlu ħalla fuq l-andar, qallu: Missier! x'ħalla qamħ għandi minn ta' dak ix-xahar li għedtli biex ma niżrax fih! ejja ara, missier.

U ħadu jdawru, ma' din l-imbierka ta' ħalla. Il-missier ma tkellem xejn; idur u taparsi jteftef b'idu.

Meta wasal fl-aħħar xifer tal-ħalla taha n-nar!

—X'għamilt missier, qallu it-tifel, dan għaliex?!

Wieġbu l-missier:— din tkunlek xogħfa, biex darb'oħra tiżra' bikri u mhux fl-imwaħħar!

(Mix-Xewkija)

V.M.B.

## IR-RIĦ U L-PINNUR

Mar-Riħ, darba l-Pinnur tkellem,
Qallu:- Koss kemm int minn tagħna!
Dlonk mix-xlokk għal-lvant titfagħni,
Mill-punent għat-tramuntana,
Int timbotta u jiena inciedi,
X'aħna sbieħ, min jaf jarana!

. . . Il-Pinnur, mhux soltu, darba
Webbes rasu . . . u malli r-Riħ
Raġa' nefaħ, żamm fuq tiegħu . . .
Nadar fl-ogħla bejt stennieh:
. . . Ma tħarrikx. Tah skoss bil-qawwi . . .
Qaċċtu m'nn għerqu minnufih!

* * *

Li żżomm jiebes jisfa batal,
Smajt lin-nanna tgħid lill-ġarha,
Man-nies kbar mar-rjus qawwija!
—Qatt ma nstama' li l-Munqara
Jew l-Arżnella, inkella l-Makku,
Ħuta belgħu tat-Tunnara—!

R. M. B.